**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 506/17 AGV**

AB

Vs

CB u permezz tad-digriet 15 ta' Mejju, 2018 gew nominati Dr. Noel Bartolo u l-PL Davina Sullivan bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuta

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2017 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Settembru, 2008 (Ara certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument EC1).

2. Illi r-rekwiziti ghal-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitoluu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma soddisfatti stante:-

i. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament, u ghalhekk de facto separat, sa mis-sena elfejn u ghaxra (2010), filwaqt li ilhom legalment separati sa mit-18 ta' Settembru, 2017 in forza ta' kuntratt redatt minn Nutar Dr. Andrea Micallef.

ii. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qedghin ighixu hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohra.

iii. Illi ai termini tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni datat 18 ta' Settembru, 2017, il-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu tal-manteniment reciproku, u ghalhekk, l-ebda manteniment m'hu dovut f'dan ir-rigward.

3. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat bhala Dokument EC2.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et. seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat mill-partijiet fil-25 ta' Settembru, 2008;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-intimata nomine li eccepiet:-

1.Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati.

2.Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit tar-rikorrent li spjega li kien iltaqa' mal-intimata meta kien jahdem il-Libja. Kienu ltaqghu go restaurant. Ighid li l-intimata kienet giet lura mieghu Malta u kienu damu flimkien xi sitt snin, Ighid li kellu 38 sena meta zzewwgu fil-25 ta' Settembru, 2008.

Ir-rikorrent jikkonferma li minn dan iz-zwieg ma kinux twieldu tfal, ghax ma riduhomx peress li z-zwieg taghhom ma kienx stabbli, ghax l-intimata riedet tmur lura l-Libja u kienu jiggieldu hafna minhabba r-religjoni differenti li kienu jhaddnu.

Ir-rikorrent jikkonferma li kienu ilhom erba' snin ighixu separatament u permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni kienu ddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu

manteniment minghand xulxin u ghalhekk hadd minnhom ma kellu jhallas manteniment.

Ir-rikorrent jikkonferma ukoll illi ma kinitx tezisti c-cans li jirrikonciljaw.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 25 ta’ Settembru, 2008 fl-atti tan-Nutar Dr. Andrea Micallef.

Illi r-rikorrent pprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment aktar u aktar meta kienu ddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin. Jikkonferma li ma kinitx tezisti c-cans ta’ rikonciljazzjoni.

Rat li l-intimata ma gabitx provi sabiex tikkontradixxi dak li ntqal mir-rikorrent.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu a kariku tar-rikorrenti.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**